# Kalendarju Liturġiku għax-xahar ta' Ġunju

**Is-Sibt, 4 ta' Ġunju** — Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm

**Il-Ħadd, 5 ta' Ġunju** — **Solennita' Għid il-Ħamsin (Pentekoste)**
Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am

**Is-Sibt, 11 ta' Ġunju** — Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm

**Il-Ħadd, 12 ta' Ġunju** — **Solennità Trinita Qaddisa**
Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am

**Is-Sibt, 18 ta' Ġunju** — Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm

**Il-Ħadd, 19 ta' Ġunju** — **Solennità tal-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej**
Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am

**Il-Ħamis, 23 ta' Ġunju** — **It-Twelid ta' San Ġwann il-Battista** (Solennità trasferita)
**Quddies: 6.45 u 8.30am, u fis-6.15pm**

**Il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju** — **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù**
Quddies: 6.45 u 8.30am, u fis-6.15pm

**Is-Sibt, 25 ta' Ġunju** — Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm

**Il-Ħadd, 26 ta' Ġunju** — **It-Tlettax il-Ħadd ta' Matul is-Sena**
Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am

**L-Erbgħa, 29 ta' Ġunju** — **Solennità tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl, appostli (L-Imnarja)**
Quddies: 6.45 u 8.30am, u fis-6.15pm


Parroċċa Familja Mqaddsa,
Pjazza Ninu Cremona,
L-Iklin IKL 1302

**www.parroccaiklin.com**

Tel 21423003
Email: parrocca.iklin@maltadiocese.org


PARROĊĊA
*Familja Mqaddsa*
L-IKLIN

## KUNTATTI TAS-SAĊERDOTI


Dun Keith Bonnici | 79972444 | keith.bonnici@maltadiocese.org
Dun Karm Busuttil | 79729444
Mons Kalċidon Vassallo | 79600500 | kalcidon.vassallo@maltadiocese.org
Mons Anton Vella | 79289656 | anton.vella@maltadiocese.org




# Il-Miġemgħa


ĠUNJU 2022
**ĦARĠA 219**
KINDLY SUPPORTED BY JB STORES

LEĦEN IL-PARROĊĊA TAL-FAMILJA MQADDSA


## Jikteb il-Kappillan: **L-Ewkaristija**

Meta mmur nitqarben, nirċievi lil Ġesu' Kristu, l-Iben t'Alla l-ħaj.

Fl-Ewkaristija hemm il-Ġisem u d-Demm, ir-Ruħ u d-Divinità ta' Ġesù Kristu Rxoxt taħt l-ispeċi sagramentali tal-ħobż u tal-inbid.

Fi kliem il-Papa San Ġwanni Pawlu II, Kristu fl-Ewkaristija hu: il-mistiedem divin tagħna; l-għajnuna fid-dgħufija tagħna; l-appoġġ fi żmien il-prova; il-faraġ fid-dwejjaq tagħna; il-ħobż tagħna ta' kuljum; id-destin aħħari tagħna.

Il-Papa Franġisku jgħallem li "L-Ewkaristija, anki jekk hi l-milja tal-ħajja sagramentali, mhix xi premju għall-perfetti biss, imma hi duwa b'saħħitha u ikel għad-dgħajfin".

Il-preżenza ta' Ġesu' f'dan is-Sagrament hi preżenza reali, u mhux biss simbolika.

*Nadurawk, ja ħobż tas-sema,*
*Frott l-imħabba, l-iżjed bnin,*
*Jalla d-dinja tagħraf toħobbok,*
*Fik il-qlub huma henjin.*
*Nadurawk, ja ħobż tas-sema,*
*Frott l-imħabba, l-iżjed bnin.*

Is-sliem
Dun Keith Bonnici
KAPPILLAN

## IS-SAGRAMENT TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

din is-sena, ser jiġi amministrat nhar il-Ġimgħa ta' qabel Pentekoste, 3 ta' Ġunju fis-7.00 pm. Dakinhar ma jkunx hawn quddiesa tas-6.15 pm.

Ikun hemm opportunita li jittieħdu r-ritratti mill- equipe tal-Fotografu Uffiċċjali tal-Parroċċa Dominic Aquilina biss mill-5.30 pm fil-Knisja Parrokkjali. Kulħadd mitlub ikun f'postu fis-6.50 pm ħalli ċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof tibda' fil-ħin. Bi ftehim mal-Fotografu Dominic Aquilina, jistgħu jittieħdu ritratti wkoll wara l-quddiesa.

Kulħadd mitlub li jiġi liebes b'mod dinituż li jixraq lid-Dar t'Alla.



## IS-SIBT 2 TA' ĠUNJU, LEJLIET PENTEKOSTE

fis-6.50 pm wara l-quddiesa tas-6.00 pm sas-7.20 pm ser tiġi ċċelebrata velja qasira ta' Pentekoste quddiem Ġesu' Sagramentat espost, li tintemm bil-Barka Sagramentali.

## L-EWWEL TQARBINA FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

ser tiġi ċelebrata il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju fis-7.00 pm. Dakinhar ma jkunx hawn quddiesa tas-6.15 pm. Ikun hemm opportunita li jittieħdu r-ritratti mill-Fotografu Uffiċċjali Dominic Aquilina biss mill-5.30 pm fil-Knisja Parrokkjali. Kulħadd mitlub ikun f'postu fis-6.50 pm ħalli ċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof tibda' fil-ħin. Bi ftehim mal-Fotografu Dominic Aquilina, jistgħu jittieħdu ritratti wkoll wara l-quddiesa.

Kulħadd mitlub li jiġi liebes b'mod dinituż li jixraq lid-Dar t'Alla.

## JUM IL-MISSIER

Jum il-Missier – il-weekend tas-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Ġunju nfakkru Jum il-Missier. Ikun hawn il-barka tal-Missirijiet f' kull quddiesa tal-weekend. Il-Missirijiet preżenti ser ikunu mistiedna jġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija tagħhom. Nirringrazzjawhom tax-xhieda tagħhom fil-kommunita' parrokkjali tagħna. Nitolbu wkoll għall-Missirijiet tagħna mejtin. Inżommu f'talbna lil dawk li għalihom Jum il-Missier mhix ġurnata ta' ferħ imma waħda ta' swied il-qalb.

## FESTA TA' CORPUS DOMINI

Is-Sibt, 18 ta' Ġunju, 2022 6.00p.m. – **Quddiesa tas-Solennita' tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu** u wara t-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina jattendu għall-quddiesa lebsin bl-ilbies tal-preċett. It-tfal iġibu magħhom qoffini bil-fjuri biex jitfugħhom quddiem is-Sagrament.

Wara toħroġ il-purċissjoni bis-Sagrament minn dawn it-toroq tal-Iklin: Triq Mons Carmelo Aquilina, parti minn Triq Ġuże Pesci, Triq l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, iddur Pjazza Ninu Cremona għall-Knisja. Wara tingħata l-Barka Ewkaristika quddiem il-Knisja Parrokkjali.



## ĦIN TAL-QUDDIES

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Quddies fis-6:45 am, u fis-6:15 pm

Il-Ħamis u l-Ġimgħa fit-8.30 a.m.

Nhar ta' Sibt: Quddies fis-6:45 am, fit-8:30 am, fis-6:00 pm u fit-7.45 pm
Nhar ta' Ħadd: Quddies fit-8:30 am, fl-10:00 am, fil-11:15 am, u fis-6:00 pm

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

KAPPILLAN: Is-Sibt 7.10 a.m. sa 10.30 a.m.

## ĦIN TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL

It-Tnejn u l-Ħamis bejn l-4.30 p.m. u l-5.15 p.m. fil-granet tal-iskejjel tal-Istat

## ĦINIJIET OĦRA

Qrar:
Qabel kull Quddiesa tal-obbligu u tal-Ħadd

Tqarbin tal-Morda:
Kull jum tal-ġimgħa filgħodu b'appuntament wara li ssir talba lill-Kappillan

Adorazzjoni Ewkaristika:
fis-skiet il-Ħamis mis-6 am sas-6 pm

Via Sagra:
kull nhar ta' Ġimgħa fis-5.55p.m.

Rużarju:
Rużarju kuljum għoxrin minuta qabel il-quddiesa ta' filgħaxija minbarra nhar ta' Ġimgħa.